MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 571/2003

**Perit Alexander Bezzina u Perit Keith Cole f'isimhom proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' BAC Ltd.**

**vs**

**Charles Chetcuti**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Marzu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi proprio et nomine is-somma ta' hames mija tnejn u hamsin Liri Maltin (Lm552.00), rapprezentanti drittijiet professjonali in konnessjoni ma' pjanti ta' flats u garages fi Promenade Street, Ta' Fra Ben, Qawra.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Marisa Zammit in rapprezentanza tal-atturi, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi proprio et nomine is-somma ta' hames mija tnejn u hamsin Liri Maltin (Lm552.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------